MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 62/2014

**Marija sive Mary Portelli u Toni sive Anthony Portelli**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

**IL-QORTI;**

Rat ir-rikors guramentat ta' Marija sive *Mary* Portelli u ta' Toni sive *Anthony* Portelli li esponew kif isegwi:

1. Illi huma zzewgu nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u sebghin (1970), liema Att ta' Zwieg huwa registrat u mizmum fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex, bin-numru mija u disgha u tmenin tal-elf, disa' mija u sebghin (189/1970) (Dokument A);

2. Illi l-att taz-zwieg relattiv ghaz-zwieg civili tal-atturi huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata 'Isem u Kunjom', l-isem tal-partijiet fiz-zwieg huwa ndikat bhala 'Toni Portelli' u 'Marija Buttigieg', meta fil-fatt, kif jidher tajjeb fid-diversi atti ohra, fosthom fuq ic-certifikati tat-twelid rispettivi taghhom (Dokumenti B u C), fuq il-karti tal-identita` rispettivi taghhom (Dokumenti D u E); fuq il-passaporti rispettivi taghhom (Dokumenti F u G), u sahansitra, u dan b'mod partikolari, fuq l-att taz-zwieg originali (Dokument H), l-ismijiet kellhom jigu ndikati bhala 'Mary' u 'Anthony';

3. Illi tali skorrettezza qeghdha tohloq ghadd ta' intoppi procedurali lill-atturi fi hdan l-Istati Uniti tal-Amerika fejn huma fil-fatt jirrisjedu;

4. Illi l-atturi jixtiequ ghalhekk illi fuq l-Att taz-Zwieg fuq imsemmi, l-ismijiet rispettivi taghhom jigu kkoreguti b'mod illi jkun jaqbel ma' dak li korrettament jidher fuq id-diversi atti u dokumenti ohra, u ghaldaqstant, kull fejn jinkorru l-ismijiet 'Marija' u 'Toni', dawn ghandhom jigu sostitwiti bl-ismijiet 'Mary' u 'Anthony' rispettivament;

5. Illi din il-kawza qed issir miz-zewgt atturi flimkien, u qed tigi kkonfermata bil-gurament tal-atturi Marija, sive *Mary* Portelli u ta' Toni, sive *Anthony* Portelli li ghandhom konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq esposti.

Talbu ghalhekk lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-att taz-zwieg bin-numru mija u disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u sebghin (189/1970), relattiv ghaz-zwieg civili kuntrattat bejn l-attrici u zewgha Anthony Portelli huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjonijiet tal-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorru l-ismijiet 'Marija' u 'Toni' dawn jigu sostitwiti bl-ismijiet 'Mary' u 'Anthony' rispettivament.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex kif isegwi:

1. Illi l-esponenti mhux qieghed jopponi ghat-talba tal-atturi u ghalhekk qieghed jirremetti ruhu ghas-salv gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, mhux minnu illi d-dokument 'H' li gie sottomess flimkien mar-rikors taghhom huwa l-att taz-Zwieg originali stante li dak huwa biss estratt illi kien johrog fl-antik mir-Registru Pubbliku u li kien jigi miktub bl-idejn. Ghalkemm f'dak l-estratt, l-ismijiet gew indikati bhala Anthony Portelli u Mary Buttigieg, dan mhux prova ta' x'hemm miktub fid-dokument originali;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atti taz-zwieg kienu jigu kkupjati mir-*'records'* tal-parrocci fejn ikun sar iz-zwieg u ghaldaqstant kif kienu jinkitbu l-ismijiet tal-persuni ma kienitx responsabbilita' tar-Registru Pubbliku jew tal-ufficcjali tieghu. Infatti l-att originali (li kopja tieghu qeghdha tigi annessa bhala dokument (C1) juri illi l-ismijiet imnizzla huma Toni Portelli u Marija Buttigieg;

4. Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, il-premessa numru erbgha fir-rikors tar-atturi ghandha tigi korreguta peress illi *"l-Att tat-Twelid"* ghandu jigi jaqra *"l-Att taz-Zwieg";*

5. Illi l-esponenti m'ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti, peress li l-allegat 'zball' in kwistjoni mhuwiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti tal-esponenti;

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru, 2014;

Rat illi r-raba eccezzjoni giet sorvolata permezz tat-talba ghall-korrezzjoni milqugha fl-istess verbal u rat li stante li l-korrezzjoni kienet biss fil-premessi u bl-ebda mod

ma taffettwa l-mertu jew t-talbiet attrici ma hemmx il-bzonn li terga' ssir il-pubblikazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat id-dokumenti prezentati mill-atturi tqis li t-talbiet tal-atturi huma gustifikati. Infatti rrizulta li hlief ghac-certifikat taz-zwieg taghhom, fid-dokumenti kollha tal-atturi nkluz ic-certifikati tat-twelid taghhom huma jidhru bl-ismijiet Mary u Anthony. Jirrizulta wkoll li dak li wassal ghall-izball fic-certifikat taz-zwieg huwa rizultat ta' dak li huwa rizultat ta' kif tnizzlu l-ismijiet minn terzi fuq l-istess certifikat cioe' mill-persuna dak iz-zmien inkarigata sabiex tnizzel l-istess dettalji li izda la kienu l-atturi u lanqas id-Direttur konvenut. Rat izda li nonostante li l-atturi kienu gia ndikati bl-ismijiet korretti taghhom fic-certifikat tat-twelid, dak iz-zmien, ma giet notata l-ebda anomalija mid-Direttur konvenut. Tant hu hekk li fl-estratt taz-zwieg esebit a fol. 11 li huwa datat Lulju tas-sena 1971 gia kienu qed jigu ndikati l-ismijiet korretti u cioe' Anthony u Mary.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-pretensjonijiet tal-atturi lkoll gew ippruvati, u fil-fatt tul is-smiegh lanqas gew ikkontestati, ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

Fic-cirkustanzi kif spjegati aktar 'il fuq izda l-Qorti tqis li l-ispejjez ma ghandhomx jigu kollha sopportati mill-atturi.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi u dan billi :

(a) Tiddikjara li l-att taz-zwieg bin-numru mija u disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u sebghin (189/1970), relattiv ghaz-zwieg civili kuntrattat bejn l-

attrici u zewgha Anthony Portelli huwa skorrett billi jindika l-ismijiet mhux korretti tal-atturi;

(b) Tordna lid-Direttur konvenut sabiex jikkorregi l-att taz-zwieg bin-numru mija u disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u sebghin (189/1970) u kull att iehor dipendenti jew kontigwu ghalih billi kull fejn jinkorru l-ismijiet 'Marija' u 'Toni' dawn jigu sostitwiti bl-ismijiet 'Mary' u 'Anthony' rispettivament.

Fic-cirkustanzi spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------